**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta tad-29 ta' April 2019**

**Avviz Nru: 9/19SG**

**Princess Holdings Limited**
**vs**
**Paul Marc Atkin**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz li permezz tieghu, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat ihallasha s-somma ta' disat elef, erba' mija u ħames Ewro (EUR 9,405) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ġlas, liema ammont hu rappreżentanti ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura targata AQZ 626 u dan skont il-Hire and Purchase Agreement datat 20 ta' Marzu 2018 bejn il-partijiet.

Rat illi minkejja li l-intimat gie debitament notifikata hekk kif jirrizulta mir-riferta relattiva, l-istess intimat ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk huwa kontumaċi.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta' rikorrenti.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda u dokumenti pprezentati, jidher li ntlahaq *hire and purchase agreement* datat 20 ta' Marzu 2018 liema ftehim ġie eżebiet flimkien ma' l-avviż promotur. Ġew eżebiti wkoll Dok A u Dok B li

huma skeda ta' pagamenti li kellhom isiru skont l-istess ftehim kif ukoll sittin kambjala fl-ammont ta' EUR 165 favur is-soċjeta' rikorrenti rispettivament.

Mix-xhieda mogħtija minn Luke Milton irrizulta li s-somma reklamata f' dan l-avviż għadha dovuta fl-intier tagħha.

Jifdal il-kwistjoni ta' imghax. Mill-ftehim tal-hire purchase anness ma' l-avviż promotur jirriżulta illi l-partijiet obbligaw ruħhom li, '*that such installments shall bear interest at the highest rate permitted by law."*

Ġialadarba sar ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti, isegwi li l-partijiet huma marbuta bih. Għalhekk fuq is-somma kapitali ta' €9, 405 għandu jiddekorri l-imgħax ta' 8% fis-sena bil-mod pattwit fl-istess skrittura.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din l-Onorabbli Qorti qegħda tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-intimat iħallas lill-istess soċjeta attriċi s-somma ta' disat elef, erba' mija u ħames Ewro (EUR 9,405) flimkien ma' l-imgħax relattiv li għandu jiddekorri bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi bil-mod pattwit fl-istess skrittura ta' l-20 ta' Marzu 2018. Spejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati interament mill-intimat.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |